# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 218

KAZ NRU 297

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
il-General Workers' Union
ghan-nom ta' Joe Falzon
u
Foster Clark Products Ltd

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 2 ta' April, 1985

CHAIRMAN: MR WILLIAM J ABELA

1. INTRODUZZJONI

a) Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali nhar it-22 ta' Settembru, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att XXX ta' l-1976. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

b) It-Tribunal zamm erba (4) seduti li fihom ghall-appellant deheru is-Sur Francis Coleiro, Segretarju tal-G.W.U. u Godfrey Muliett, Shop Steward, filwaqt li ghal kumpanija deheru s-Sur Alfred Fabri, Konsulent Industrijali assistit mis-Sur Joe Calleja, Personnel Manager.

2. SOTTOMISSJONIJIET PRELIMINARI ('Statements of Case')

a) Is-Sur Francis Coleiro, ghan-nom ta' l-appellant, fost affarijiet ohra qal li Joe Falzon kien ilu mpiegat mal-kumpanija ghal aktar minn hames snin u fl-4 ta' Lulju, 1983 huwa kien wegga saqajh fuq ix-xoghol. Wara li gab Form N.I. 30 mill-isptar St Luke's huwa l-ghada mar il-fabbrika sabiex jimlewlu din il-formola, izda l-personnel manager ma accettax li jimlilu din il-formola. Il-kumpanija ddecidiet li tibghat it-tabib taghha biex

jezamina lil Joe Falzon u l-ewwel darba li mar it-tabib ma sabx lil Joe Flazon id-dar ghax dan kien mar ghand it-tabib tieghu.

L-ghada t-tabib rega mar u qal lil Falzon li kien tajjeb ghax-xoghol. Joe Falzon qallu li hu kien ghadu mugugh u ma setax jidhol ghax-xoghol. It-tabib rega qallu biex jidhol ghax-xoghol.

Wara dan Joe Falzon deher quddiem l-Industrial Injuries Board, rawh b'urgenza u ddikjaraw li Falzon kien 'unfit for work' mill-4 ta' Lulju, 1983 u li kellu jerga jidher quddiem l-istess Board fit-28 ta' Lulju, 1983.

B'ittra ta' 18 ta' Lulju, 1983 il-Kumpanija itterminat l-impieg ta' Joe Falzon. Fid-19 ta' Lulju, il-kumpanija rceviet ittra mill-Injuries Board li Joe Falzon kien 'unfit for work from 4.7.83".

Fuq akkuzi li Joe Falzon kienu rawh isuq karozza waqt li kien bl-injury leave, is-Sur Coleiro qal li dan kien sejjer ghand it-tabib tieghu. l-Injuries Board kien ra lil Joe Falzon fis-26 ta' Lulju, 1983 u ddikjarah 'fit for work as from the 1 August, 1983.' Izda Joe Falzon ma thallasx mill-kumpanija ta' l-injury leave kollu.

Il-G.W.U. insistiet li t-tkeccija ta' Joe Falzon kienet ingusta ghax tkecca waqt li kien fuq injury leave certifikat mit-tobba u ghalhekk kellu jitqies li baqa' fl-impieg minghajr telf ta' paga u dak kollu li hu dovut lilu.

b) <u>Is-Sur Alfred Fabri, ghan-nom tal-Kumpanija</u>, fost affarijiet ohra qal li wara xi snin impjegat mal-kumpanija, Joe Falzon beda juri attitudni negattiva bhalma hija nuqqas serju ta' attenzjoni u mgieba hazina. Ta' dawn, huwa kien inghata numru kbir ta' twissijiet, kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub. Huwa kien naqas li jippancja ghax-xoghol f'zewg okkazjonijiet differenti u telaq mix-xoghol qabel il-hin, kien irraporta tard ghax-xoghol diversi drabi; xorob xorb alkoholiku waqt il-hin tax-xoghol: telaq mix-xoghol ghal tlett sieghat minghajr permess, u ghal dan l-incident huwa kien sospiz ghal hames tijiem u nwissi li l-ewwel

.../3

nuqqas serju kien ser ifisser tkeccija, huwa wkoll kien naqas li jaghmel xoghol mghoti lilu.

Fil-5 ta' Lulju, 1983 Joe Falzon kien mar ghand il-personnel manager tal-kumpanija u qallu li l-gurnata ta' qabel kien wegga fuq ix-xoghol. Il-kumpanija ma accettatx il-verzjoni ta' Joe Falzon u infurmatu li mhux sejra tqisa bhala 'injury on duty'. Ftit jiem wara l-kumpanija baghtet it-tabib taghha ghand Joe Falzon u dan ma kienx sabu d-dar. L-ghada it-tabib rega mar u wara li nvistah qallu li kellu jidhol ghax-xoghol l-ghada. Joe Falzon ma dahalx ghax-xoghol u kien hemm zewg okkazjonijiet li raw lil Joe Falzon isuq il-karozza tieghu fit-triq.

Minhabba li Joe Falzon baqa assenti minghajr permess ghal diversi granet u naqas li jinforma l-employer tieghu u fid-dawl tad-diversi twissijiet li kellu qabel, il-kumpanija fit-18 ta' Lulju, 1983 infurmatu li l-impieg tieghu kien gie terminat.

Ghaldaqstant, il-kumpanija issottomettiet li Joe Falzon gie mkecci ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

3. XHIEDA

Prodotti mill-appellant

| | | | |
|---|---|---|---|
| i) | Godfrey Muliett | - | Shop Steward |
| ii) | Joe Ellul | - | Machine operator |
| iii) | Ray Ellul | - | Machine operator |
| iv) | Anthony Micallef | - | Fitter |
| v) | Mary Chetcuti | - | f'hand |
| vi) | Joe Falzon | - | trainee technician (l-appellant). |

Prodotti mill-Kumpanija

| | | | |
|---|---|---|---|
| i) | John Axiaq | - | Chief Engineer |
| ii) | Charles Demicoli | - | Ex-personnel manager |
| iii) | Dr J J Vella LLD. | - | Avukat tal-Kumpanija |
| iv) | Dr J Pace M.D. | - | Tabib tal-Kumpanija. |

4. SOTTOMISSJONIJIET FINALI (Final Submissions)

a) Is-Sur Francis Coleiro, għan-nom ta' Joe Falzon fost affarijiet oħra kkommenta fuq ix-xhieda li deheru quddiem dan it-Tribunal u spjega aktar car l-attitudni diskriminatorja tal-kumpanija ma Joe Falzon. Huwa saħaq li l-Management inissu accetta l-Form N.I. 30 li Joe Falzon kien ippresentalhom l-għada li wegga. Sostna wkoll li l-appellant kellu xhieda li rawh izappap u anke xhud li rah iwegga. Huwa kompla li l-kaz tat-terminazzjoni mill-impieg ta' l-appellant kien biss li Falzon ma marx għax-xogħol meta ordnalu li jagħmel hekk it-tabib tal-kumpanija.

Huwa spjega wkoll li Joe Falzon kellu lis-spjegazzjonijiet tiegħu għal-warnings li kien qala - per ezempju li kien jidħol tard għax-xogħol għax it-trasport pubbliku ma kienx regolari u għax il-punch clock kien ikun il-quddiem.

Is-Sur F Coleiro semma wkoll li Joe Falzon safa' mkecci wara li l-G.W.U. bdiet tindaga fuq xi flus li kienu mizmuma mill-kumpanija matul il-kors li Joe Falzon kien qed jagħmel waqt li kien impjegat tal-kumpanija. Huwa semma x-xhieda tac-Chief Engineer tal-kumpanija fejn kien qal li ma kien hemm hadd responsabbli direttament li jgħallem lil Joe Falzon u sieħbu u li ma kienx jinteressah x'inhuma qed jistudjaw. U wara l-kumpanija qalet li kienu għadhom m'humiex kwalifikati f'dik li hi prattika.

b) Is-Sur Alfred Fabri, għan-nom tal-Kumpanija fost affarijiet oħra ikkommenta fuq ix-xhieda ta' Godfrey Mulliett, Joe Ellul u Anthony Micallef. Huwa kkwota lil avukat J J Vella li kien qal li A Micallef kien ippresentat bħala xhud gimgħat wara l-allegat incident.

Is-Sur Fabri spjega kif ix-xhieda ta' l-appellant ippruvaw joskuraw it-tabib tal-kumpanija u semma kif kienu jimtlew ic-certifikati. Huwa semma wkoll l-inkonsistenza fix-xhieda ta' l-appellant nnifsu dwar meta kien rah il-Board tal-Gvern. Huwa semma wkoll il-warnings li Joe Falzon kien qala; dwar ix-xorb alkoholiku, talli kien jasal tard u talli kien irrifjuta x-xogħol.

.../5

Huwa spjega l-ghala l-kumpanija agixxiet kif agixxiet meta giet infurmata bil-korriment ta' Joe Falzon, u l-ghala ma accettatx li timla l-N.I. 30 form li gabilha Joe Falzon. Minn dak inhar Joe Falzon ma regax resaq jew ikkomunika mal-kumpanija. Huwa agixxa bhal li kieku ghalih ir-regolamenti ma japplikawx. Joe Falzon fl-ahhar tnax il-xahar kellu tal-inqas seba' warnings ufficjali.

Is-Sur Fabri kompla jghid li l-kumpanija kienet issaportiet lil Joe Falzon bizzejjed. Jekk dan it-Tribunal accetta l-principju tat-tkeccija mat-tielet warning, x'jista jghid fuq seba warnings? Is-Sur Fabri kompla li l-ahhar incident ma jistax jigi ezaminat wahdu izda jrid jigi nkwadrat fid-dawl tal-imgieba hazina ta' Joe Falzon mal-kumpanija. Din l-imgieba zgur ma tippermettix li Falzon jerga jidhol jahdem mal-kumpanija.

5. KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal fela bir-reqqa ix-xhieda ppresentata u ha in konsiderazzjoni l-provi kollha migjuba quddiemu. Minn dak kollu li sema, it-Tribunal ghamel dawn l-osservazzjonijiet;

a) li rrisulta car li qabel ma beda dan il-kaz kemm il-kumpanija kif ukoll l-appellant ma kienux qablu f'xi affarijiet. Fost dawn kien hemm il-kaz li l-appellant kien jinghata xoghol li hu mhux suppost li kellu jaghmel, u dan taht skuza ta' flexibility.

b) kien hemm ukoll nuqqas ta' qbil dwar il-kors jew studji li l-appellant kellu jaghmel skond ftehim li ma giex iccarat bizzejjed.

c) Sussegwentement, inqalghet il-kwistjoni presenti fejn l-appellant gie quddiem dan it-Tribunal.

d) Hawn hekk, inqalet kwistjoni ohra fejn l-appellant ha passi li kif deherlu hu, kien skond il-procedura ta' l-injury leave, u min naha l-ohra l-kumpanija hadet direzzjoni ohra.

e) Milli jidher dahlet certa pika u hadd miz-zewg partijiet ma ried jersaq lejn hadd. It-Tribunal hass li l-appellant

ma kienx jaghmel hazin kieku resaq u spjega l-kaz lil-kumpanija. Minn naha l-ohra, il-kumpanija setghet qabdet lil-konsulent legali taghha biex jikkomunika mad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali biex dan jiccara l-posizzjoni ufficjalment u b'hekk kien jigi evitat hafna nuqqas ta' ftehim.

f) Finalment, it-Tribunal inghata x'jifhem li l-appellant kellu kazi fejn kien imissu qaghad aktar attent u kien imissu wkoll ikkopera izjed mal-kumpanija li din kienet responsabbli biex taghallmu u thallsu.

g) Minn naha l-ohra l-kumpanija ghagglet wisq biex giet ghal-konkluzjoni li wiehed jista jghid li l-appellant ma kellux izjed interess fix-xoghol u allura abbandunah.

h) It-Tribunal innota li l-Personnel Manager tal-Kumpanija kien wisq drastiku fl-agir tieghu f'dan il-kaz meta hu kien qed jaqdi dmiru.

6. AWARD

Ghal dawn ir-ragunijiet imsemmija hawn fuq, it-Tribunal jidhirlu li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' Joe Falzon kienet decizjoni wisq mghaggla u drastika anke jekk izzomm quddiem ghajnejk in-nuqqasijiet minn naha ta' l-appellant. Din it-terminazzjoni ta' l-impieg setghet giet evitata kieku kien hemm komunikazjoni ahjar bejn iz-zewg partijiet.

Fl-ghoti ta' dan l-Award, it-Tribunal zamm quddiem ghajnejh il-fatt li Joe Falzon ghamel barra mix-xoghol ftit xhur biss; fil-fatt huwa ghandu xoghol iehor u mix-xhieda li nstemghu u mis-sottomissjonijiet finali tal-kumpanija jidher car li huwa ma kienx kuntent jahdem ma Foster Clark Products Ltd u ghalhekk mhux il-kaz li dan jiddahhal lura ghax-xoghol fejn kien.

Ghalhekk, dan it-Tribunal jordna li bhala kumpens globali ghat-talbiet ta' Joe Falzon, il-kumpanija Foster Clark Products Ltd ghandha thallsu fi zmien xahar mid-data ta' dan l-Award, is-somma ta' LM450 u b'din id-decizjoni, it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Edward D'Agostino
A/Segretarju

W. J. ABELA
Chairman

Data: 2 ta' April, 1985

ja